# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Barclay Vella u omissis**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Barclay Vella,** detentur tal-karta tal-identita' numru 102693M u omissis fejn ġew akkużati talli:

"fl-4 ta' Lulju 2016 f'xi hin wara nofs inhar ikkommettejtu serq minn gewwa Forestals Matrix, The Point, Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaccedi s-somma ta mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232:94euro) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37euro). Art. 267, 279(a) ta Kap 9.

U nakkuza lil Barclay Vella wahdu talli:

Talli irrendejt ruhek recediv wara li gejt misjub hati b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula. Art. 49, 50; 289· Kap 9

Talli ksirt il-provediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta perrnezz ta' sentenza datata 24 ta Frar 2016 mill-Magistrat Dr. D. F. Dimech LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel."

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Jannar 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Leontine Calleja, għall-mistoqsija jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat li wara li ġie mistoqsi jekk l-Avukat Ġenerali kienx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, l-Uffiċjal Prosekutur wieġeb fl-affermattiv u eżebixxa l-imsemmi kunsens bil-miktub tal-Avukat Ġenerali a fol 28 tal-proċess.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali

tiegħu dottor Leontine Calleja, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda u senjatament : -

A. lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara illi –

1. Matul l-investigazzjoni l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija;
2. L-imputat pero kien diġa laħaq biegħ l-oġġett misruq meta bdiet l-investigazzjoni tal-Pulizija, iżda wara l-intervent tal-Pulizija rnexxielu jirritornaħ lura lill-Pulizija;

3. Barra minn hekk a differenza tal-ko-imputat, Barclay Vella għandu l-fedina penali tiegħu refrattarja u kien wettaq serqiet oħra preċedentement.

B. Lid-Difiża li tenniet li : -
   1. L-imputat ikkopera mal-Pulizija;
   2. Għalkemm għandu fedina penali refrattarja huwa kien għad għandu biss tlieta u għoxrin sena;
   3. Issa li għaraf l-iżball li għamel u ghalhekk fuq il-konsegwenzi tar-reat imwettaq, li ma kienx serjissimu, kellu jingħata ċans sabiex jirrijabilita ruħu.

***Ikkunsidrat***

Illi huwa veru li l-valur tal-oġġetti misruqa ma kienx wieħed għoli ħafna. Biss dan ir-reat xorta jikkwalifika bħala serq kwalifikat u l-piena tvarja bejn ħames xhur priġunerija u li tista' titla', bir-reċidiva inkluża, anke sa massimu ħames snin priġunerija. Il-fedina penali tal-imputat hija refrattarja b'reati relatati ma' serq u abbuż mid-droga.

Agħar minn hekk jirriżulta kjarament li l-imputat kien diġa ingħata ċansijiet varji minn dawn il-Qrati biex jirrijabilita ruħu billi f'kundanni

preċedenti, anke għar-reat ta' serq, kien ingħata pieni alternattivi għal dik ta' ħabs effettiv, meta kien pluri-reċidiv fir-reat ta' serq u tant li kkommetta dan ir-reat waqt il-perjodu ta' probation li kien mogħti lilu anqas minn sena ilu.

L-imputat jidher li qajla tgħallem minn dawn is-sentenzi. Issa din il-Qorti hija marbuta li tapplika piena ta' ħabs effettiv.

## ***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil **Barclay Vella**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Kwantu għall-piena Il-Qorti rat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, u wara li nqabad, għamel sforz biex l-oġġetti misruqa jiġu ritornati lura. Apparti minn hekk huwa ammetta l-ħtija tiegħu mal-ewwel opportunita li kellu u għalhekk evita li jtawwal dawn il-proċeduri. Għalkemm il-Qorti tqis li għandu jingħata piena ta' ħabs effettiv, iż-żmien ta' din il-piena għandu jkun qrib tal-minimu minħabba ċirkostanzi attenwanti imsemmija aktar il-fuq.

Għalhekk il-Qorti filwaqt li tqis lill-imputat reċidiv fir-reat ta' serq, qegħda tagħżel li żżid il-piena bi grad wieħed u għalhekk tikkundannah għal piena ta' **seba' xhur priġunerija.**

Kwantu għall-ksur tal-ordni tal-probation, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta :

(i) qed issib li **Barclay Vella** ħati li wettaq id-delitt ta' serq kwalifikat matul il-perjodu ta' probation u għalhekk li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation mogħtija lilu aktar il-fuq imsemmija fl-imputazzjonijiet

(ii) u għalhekk il-Qorti qegħda tittratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien impoġġi taħt din l-ordni ta' probation daqs li kieku għadu kemm ġiet dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li għal kull buon fini tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet,

(iii) tħassar l-ordni tal-probation magħmula bis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Donatella Frendo Dimech ta' nhar l-24 ta' Frar 2016 u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 251B u 325(c) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet

ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Barclay Vella għall-piena ta' **ħames xhur priġunerija.**

Għall-fini ta' kjarezza it-total tal-piena karċerarja effettiva mogħtija b'din is-sentenza jammonta għal **tnax il-xahar.**

***Mogħtija illum is-sittax ta' Jannar elfejn u sbatax fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***